ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 50**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja Ħal Qormi fil-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Josef Aquilina - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri –Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Jesmond Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**50.1 Ittri ta' Apoloġija**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Jerome Caruana Cilia u l-kunsilier Martina Brancaleone li ma setgħux jattendi għal-laqgħa minħabba li kienu msefrin.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 49 li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 49 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**50.3.1** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li x-xogħlijiet fil-pjazza ta' Triq San Bastjan mixi b'ritmu tajjeb ħafna. Fil-fatt tlestiet l-area ta' Triq Santa Marija u jidher li anke l-qlib ġie tajjeb.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li x-xogħol fuq iz-zuntier inbeda. Jekk kollox jimxi skont il-pjanijiet il-ġimgħa d-dieħla jingħata l-liquer u tinfetaħ it-triq għat-traffiku.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li se jkun qed jieħu passi legali kontra s-Sinjura M'Lourdes Grech wara l-korrispondenza li ntbagħtat minnha, fejn spiċċat tgħajjru b'mod personali.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa dwar it-traffic calmers fejn qed jingħadli ġew baxxi. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li t-traffic calmers ġew installati ġodda u saru kif saru sabiex ma jkunx hemm problemi bil-qlib tal-ilma.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-Kunsill diġa applika ma' Transport Malta sabiex din iz-zona ssir '*Priority for Pedestrians'* u anke se jsiru cameras sabiex jitwaqqfu l-abbużi li qed isiru ta'kuljum. Is-Sindku elenka numru ta' nuqqasijiet li qed iseħħu l-ħin kollu b'detriment għar-residenti u għall-ħaddiema li qed jaħdmu fuq dan il-proġett.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** staqsa jekk dan kollu hux se jsir ukoll fi Pjazza San Franġisk. Is-Sindku spjega li jekk ikun hemm il-ħtieġa, dan kollu jsir ukoll fi Pjazza San Franġisk. Is-Sindku saħaq li jeħtieġ serjeta' u dixxiplina sabiex nimxu 'l quddiem.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** staqsa dwar il-bankina ta' quddiem il-ħanut tat-tiġieġ fi Triq San Bastjan lejn Triq San Bartolomew. Is-Sindku qal li f'dan l-istadju t-triq se tinfetaħ u l-bankina ssir aktar 'l quddiem. Il-Kunsillier Daniel Bugeja ġibed l-attenzjoni sabiex issir road hump fejn tat-tiġieġ sabiex jitrażżan l-abbuż ta' sewqan li qed ikun hemm ta' kuljum. Is-Sindku nfurma li din ir-road hump issir malli jitlesta l-proġett.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li ssir tabella sabiex ma jgħaddux żwiemel. Dan għall-fatt li l-art tiżloq u bin-nagħal issir ħsara l-wiċċ tat-triq.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar lill-membri li l-inawgurazzjoni tal-Proġett se ssir il-Ġimgħa19 ta' Ottubru fis-7.30p.m. u f'każ ta' maltemp, is-serata tinżamm fis-Sala tal-Kunsill.

### 50.3.2 Marċ tal-Milied 2018

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li l-Għaqda Soċjo-Mużikali Aniċi aċċettat li l-marċ jispiċċa quddiem il-Kunsill filwaqt li l-Għaqda Mużikali San Ġorġ M.M. m'aċċettawx.

Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li fid-dawl ta' dan kollu jipproponi li l-Għaqdiet Mużikali jorganizzaw il-marċ bir-rotta li jridu u kollha jispiċċaw quddiem il-każin rispettiv tagħhom.

Is-Sindku fakkar ukoll li l-kuntratt mal-baned jiskadi fil-31 ta' Diċembru u fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' ftehim bejn l-għaqdiet u fid-dawl li s-sena d-dieħla hemm elezzjoni ta' Kunsill Lokali, l-Kuntratt mat-tlett baned ma jsirx u f'każ ta' ħtieġa ta' servizz, tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni.

Il-Kunsillier Renald Falzon ippropona li l-Marċ tal-Milied jibda' minn quddiem il-Kunsill Lokali u kull soċjeta' tispiċċa quddiem is-sede tagħha.

Wara diskussjoni dwar dan kollu, l-Kunsill qabel unanimament li l-Marċ jibda minn quddiem il-Kunsill, kull soċjeta' ddoqq għanja tal-milied u wara t-tielet għanja kulħadd jimxi bir-rotta tiegħu.

**50.4 MOZZJONIJIET**

**Mozzjoni Nru 95/2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippreżenta mozzjoni nru 95 **;**

*Nipproponi illi wara li kellna talba mill-Għaqda tan-Nar San Bastjan fejn sar xogħol ta' konkos mill-Gvern, wara talba li kienet saret mill-Kunsill jkompli jsir tindif ta materjal għal aktar saħħa u sigurta liema tindif ta' terrapien jiġi jiswa €1,100.00 u jsir mil-kuntrattur tal-Bankini Charles Baldacchino*.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 95/2018.

**50.5 Korrispondenza**

**Konsultazzjoni mar-residenti dwar Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq Gużeppi Ciappara**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-korrispondenza mibgħuta mir-residenti fejn jidher li l-maġġoranza tagħhom iridu li t-triq tibqa' two-way iżda qed jitolbu li tinbena bankina fuq iż-żewġ naħat tat-triq sa Triq il-Mejjilla.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**50.6 Kumitat u Sotto Kumitati**

50.6.1 Il-Kunsillier Josef Aquilina nfurma lill-membri li d-Dog Walk din is-sena mhux se ssir.

50.6.2 Is-Sindku nfurma li l-Evalwazzjoni tat-tenders għadha fil-proċess u għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu ppropona li l-Kunsill jaħdem b'servizz ta' Emerġenza kif ġej;

Tindif ta' Toroq mhux Urbani jsir mill-Kuntrattur Saviour Mifsud.

Tindif u Żamma ta' Letrini jiġġeddu b'xahar lill-kuntratturi attwali.

50.6.3 Il-Kunsillier Daniel Bugeja nfurma li f'Novembru se tinżamm l-attivita' fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal.

50.6.4 Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi nfurma li bil-proġett tal-Marsa u l-Ħamrun By-Pass, Ħal Qormi tilef żewġ exit points, bil-konsegwenza li Ħal Qormi qed jispiċċa stagnat bit-traffiku fl-agħar ħinijiet tal-ġurnata, b'mod partikolari fi Triq il-Marsa, Ħal Qormi, fit-telgħa tal-Maltapost.

**50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ppropona l-approvazzjoni tal-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.
**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-7.45p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta' Novembru 2018 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum, 5 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |